TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 468/11/GZ

**Raymond Grech**

**vs**

**Carlo Ragonesi - Phone Box**

Illum 1 ta'Awwissu 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija u hamsin Ewro (€150.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal-'mobile phone', liema 'mobile phone' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent ssottometta bil-miktub illi:-**

Huwa xtara 'mobile phone' tad-ditta 'Nokia' minghand is-socjeta' ntimata, u dan il-'mobile phone' kien gralu l-istess hsara ghal tliet (3) darbiet. It-tielet (3) darba li garrab dan il-hsara, ir-rikorrent gie muri, minghand is-socjeta' ntimata, zewg (2) ritratti tal-hsara (ksur) minn gewwa. Is-socjeta' ntimata rrifjutat illi ssewwi dan l-imsemmi 'mobile phone', meta dan il-'mobile phone' lanqas qatt ma gie miftuh u s-sigill tal-garanzija kien tajjeb.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, stante illi kuntrarjament ghal dak allegat fl-avviz, it-telefon li xtara r-rikorrenti instab li kellu hsara konsegwenza ta' xi impatt vjolenti, li permezz tieghu inkissritlu bicca tieghu minn gewwa u ghalhekk dik it-tip ta' hsara mhix koperta bil-garanzija, kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kaz.

*Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, il-hsara li jillamenta biha l-esponenti* fl-ispeaker tat-telefon ma kienet hsara xejn, izda akkumulazzjoni ta' trab, liema trab tnehha mit-teknici tal-agenti tan-'Nokia' f'Malta, u ghalhekk mhix kwistjoni ta' xi difett li seta' kellu t-telefon, kif qed jallega l-esponenti.

Illi inoltre, is-socjeta' ntimata mhux talli ma haditx hsieb illi tirripara minghajr hlas it-telefon tar-rikorrenti, izda addirittura bidlet il-module illi kien miksur konsegwenza ta' xi impatt li seta' sofra t-telefon waqt li kien fil-pussess tar-rikorrenti, liema tibdil ma kenitx obbligata li taghmel taht il-garanzija.

Ghaldaqstant it-talba, ghar-ragunijiet fuq premessi, ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn stqarr illi l-'mobile phone' kien gralu l-hsara darbtejn, dejjem bl-istess difett. Is-socjeta' ntimata kienet qaltlu li kienet sabitu imhassar minn gewwa. Barra minn hekk, ir-rikorrent kien sab li l-'mobile phone' kien migruf. Huwa kien hadu bid-difett ta' l-ispeakers. Il-'mobile phone' in kwistjoni ghadu fil-pussess tas-socjeta' ntimata ghaliex huwa rrifjuta illi jiehdu lura.

Ir-rikorrent ezebixxa r-'repair report' li gie mmarkat bhala Dok.RG.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi hija kienet spjegat lir-rikorrent li kien hemm xi trab fl-ispeakers, u li meta fethitu t-tielet darba, hija kienet sabet affarijiet mhux normali, pero' xorta wahda sewwietu minghajr ebda charge jew talba ghall-hlas da parti tar-rikorrent.

Is-socjeta' ntimata ezebiet il-'mobile phone' in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

Is-socjeta' ntimata ezebiet il-'mobile phone service reports' li gew immarkati bhala Dok.CR1, Dok.CR2 u Dok.CR3; ritratti tal-'mobile phone' minn gewwa, li gew immarkati bhala Dok.CR4 u Dok.CR5; u l-'mobile phone service report' fejn hemm indikat bil-miktub: *"Earpiece no fault*

*found however replaces all speakers in phone including ui module as per client's request. Free of charge."*

It-Tribunal jinnota wkoll illi allavolja il-'mobile phone' gie msewwi, tant illi sa anke nbiddlu xi partijiet tieghu, u issa qieghed jahdem perfett u minghajr problemi ta' xejn, u dana kollu a spejjez tas-socjeta' ntimata, ir-rikorrent baqa' jirrifjuta illi jaccetta l-'mobile phone' u baqa' jinsisti illi ried il-flus lura.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jhoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid jaqla' lira minn fuq dar haddiehor. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, ansi, marret oltre l-obbligi taghha. It-Tribunal jikkonkludi illi r-rifjut assolut da parti tar-rikorrenti illi jaccetta lura l-'mobile phone' in kwistjoni, flimkien ma' l-insistenza tieghu illi jigi rifuz il-prezz tal-'mobile phone', meta tali 'mobile phone' ma ghad ghandu l-ebda difett, wara li gie msewwi a spejjez tas-socjeta' ntimata, jwassal lil dan it-Tribunal sabiex, isib it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, u qed jordna lir-rikorrent jassenja lura l-'loan phone' lis-socjeta' ntimata u li jaccetta lura l-'mobile phone' in kwistjoni minghand ~~is-socjeta~~' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**